# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minuti tat-tnejn u għoxrin (23) laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar l-Erbgħa 29 ta' Marzu, 2010 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Rose Roberts Kunsilliera
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

*Skużati:* Stephen Mizzi Kunsillier
Nadia Zammit

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**
1.1. Is-Sindku qal li l-minuti ser jiġu approvati fil-laqgħa li jmiss.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**
2.1. Il-Minuti tal-laqgħa 22 ser jiġu approvati fil-laqgħa li jmiss.

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**
3.1. Ma kienx hemm punti mqajjma.

**4. Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno**
4.1. Is-sindku xtaq li fl-istqarrija tiegħu, jindirizza punti ewlenin li ġraw jew li se jiġru fil-lokalitá, imma hu iddikjara li din l-istqarrija ma tista qatt tkopri l-ammont kbir ta' xogħol li hu qed jesperjenza fil-kunsill lokali. Hu jrid jirringrazzja lil sħabu tas-sagrifiċċju li qegħdin jagħmlu speċjalment dawk li jkollhom jitilqu l-familji tagħhom biex jagħtu kontribut qawwi lejn il-lokalitá. Għal din is-sena, il-volum tal-ħidma minn naħa tal-kunsill lokali se jkun record assolut fil-lokalitá. Is-Sindku qal li waqt l-istqarrija tiegħu, bħalma jagħmel f' kull seduta jagħti spazju lil kull kunsillier biex jagħti l-input u l-opinjoni tiegħu u tagħha fuq it-topics li jkunu qegħdin diskussa.

1. Il-progress u s-sitwazzjoni tal-binja tal-kunsill il-ġdid

Għalkemm il-bini tal-kunsill tlesta, u x-xogħol miexi sewwa fuq il-cables tad-dawl u fuq il-pajpijiet tal-ilma, għad baqa' dawn ix-xogħolijiet li jridu wkoll jitħallsu, il-lift li se jqum xi €20,000, pannelli fotovoltajiċi xi €11,000, aperturi tal-aluminium €8851, aperturi tal-injam €10,662 , railings tal-ħadid €2924,  għamara €12823, gysum u soffiti €2600, airconditioners €2000 , spejjeż oħra relatati mal-kontrabejt u xogħol struturali għadu jrid jitkejjel.

Qegħdin naħsbu li dawn ix-xgħolijiet jitlestu sa Novembru li ġej u wisq probabbli li l-kunsill lokali l-ġdid jkun miftuħ ghall-publiku fl-aħħar ta' din is-sena.

Joe Carbone li qed jikkordina x-xogħolijiet ikkonferma li meta l-gypsum boards ikunu  tlestew, jitwaħħlu l-plakki tad-dawl u meta kollox ikun f' postu , japplika għall-arloġġ tad-dawl.

Ranier Busutill semma wkoll li jista' jkun hemm xi spejjeż oħra relatati mas-CCTVs u xi xgħolijiet oħra li jinħtieġu biex inġorru minn fejn qed jopera bħalissa l-kunsill għal post il-ġdid.

2. Il-latrina kważi lesta

Il-faċilitá sanitarja waslet biex tkun lesta ħdejn il-knisja parrokjali. Hu ittamat li din tibda' tintuża' fil-bidu ta' Mejju ta' din is-sena. Din swiet xi 11,000 ewro. Parti sostanzjali ġiet finanzjata mill-UIF scheme u l-kunsill lokali jrid ihallas 223 ewro bħala kera kull sena  lid-dipartiment tal-artijiet sabiex ikun jista' jużaha. Il-kuntrattur li rebaġ it-tender jrid iżomm din il-faċilita sanitarja f' kundizzjoni tajba u tkun miftuha bejn is-sebgħa ta' filgħodu sad-disgħa ta' filgħaxija.

Is-Sindku ippropona li jkun ordnat il-bieb ta' barra sabiex din il-binja tissakkar sew. Joe Carbone u Rose Roberts li kienu preżenti għall-laqgha, qablu li jitwahhal bieb tal-injam. Is-Segretarju Eżekuttiv Ranier Busuttil kellu jkellem lil mastrudaxxa li rebaħ it-tender tax-xgħolijiet u ma Joe Camilleri l-handyman tal-Kunsill  jaraw kif u x' tip ta' bieb imur  mal-faċċata tal-post.

Is-sindku qal li fl-aħħar, ir-residenti tal-lokalita u l-poplu kollu għandu faċilita sanitarja f' Hal Kirkop .Kien ikun dejjem diżappuntat meta jara' persuni li jridu jagħmlu l-bzonnijiet tagħhom fil-lokalitá u ma kienx hemm f' Hal Kirkop faċilita sanitarja publika. Is-Sindku qal li issa ninfurmaw lis-Segretarju Parlamentari tal-artijiet sabiex ikun mistieden mal-ftuħ tal-faċilita u nkunu nistgħu nitkellmu miegħu fuq artijiet oħra li huma tal-gvern u li jistgħu ikunu devoluti lil kunsill lokali sabiex jintużaw aħjar.

Ranier kellu jieħu ħsieb jiffissa d-data mas-Segretarjat tal-Onor. Jason Azzopardi.

3. Iċ-¬entru tal-Kommunitá joffri servizzi mediċi ġodda

Il-kunsill lokali ser jiffirma dalwaqt ftehim ta' għaxar snin mad-dipartiment tas-saħħa biex b' ġemmellaġġ ikun hemm servizz aktar komprensiv fuq issues ta' saħħa mentali u psikoloġiċi offrut fiċ-ċentru tal-kommunitá. Il-gvern ċentrali se jieħu ħsieb li jinstalla l-lift u jgħammar il-binja bi kmamar sound proof matul ix-xhur li ġejjien, sabiex is-servizz mediku  jitkabbar mis-

sena d-dieħla. Is-sindku qal li kien bagħat abbozz ta’ dan il-ftehim lil kull kunsillier sabiex jagħtu feedback fuqu. Kull wiehed u waħda mill-kunsilliera irċieva u qara’ dan l-abbozz u ma tlissen l-ebda suġġeriment biex ikun modifikat dan l-abbozz. Hu qal li qed jissuġġerixxi biex il-parti tal-kompjuters tkun iżolata mill-kumplament tal-kmamar tal-konsulenti, u għalhekk qed ikun proponut li l-Resource Center u Strong Room għal hardware tac-CCTVs ikunu fl-ewwel sular fejn bħalissa hemm il-kitchenette.

Sadanittant, se jibqa’ jingħata servizz ta’ tagħlim fuq il-kompjuters fil-kamra tar-riżorsi ċentrali. Aktar il-quddiem, ikun xprunat żvillupp li jinkorpora ġewwa fih ir-Respite Shelter għal dawk il-persuni li jirrekjeduh.

4. L-irkottafest 2010

l-ewwel festa rurali fil-lokalita b’ dimensjoni nazzjonali se tkun organizzata fit-22 u 23 ta’ Mejju fil-qalba tar-raħal. Kien hemm xi għaqdiet mill-lokalita li iltaqgħu mal-kordinatur Mario Camilleri biex jieħdu sehem f’ din il-festa tal-irkotta. Għad hemm diskussjonijiet ma għaqdiet tar-raħħala tal-ħalib, il-koperativa tal-ħalib u l-produtturi tal-ħalib. Ix-xogħol qabad ir-ritmu b’ saħħtu u aktar ma tersaq id-data tal-attivitá, aktar tiżdied il-pressjoni tax-xogħol. Għall-ewwel tour tal-ħadd fid-disgħa ta’ filgħodu li se jkun bl-ingliz, il-booking dieħel ġmielu. Fuq ir-razzett se jkun hemm espert li se jfiehem lil viżitaturi l-proċess kollu tal-irkotta – from the stable to the table.  Il-barranin huma meħtieġa li jsegwu t-tour bl-Ingliż waqt li t-tours l-oħra se jkunu bil-Malti.

Is-sindku qal li dan l-avveniment rurali jrid ikun self financed, u l-kordinatur jrid jaħseb  għal kollox. Minn naħa tal-kunsill, in-nefqa se tibqa’ konformi mal-għotja li se tingħata mid-dipartiment tal-kunsilli lokali. Is-somma hija €3000, u għalhekk hija biċċa xogħol iebsa biex il-kordinatur jfittex mezzi oħra biex jiffinanzja ċertu attivitajiet li huma parti minn din il-festa rurali. Is-sindku semma li għad hemm bżonn ta’ aktar laqgħat u ta’ aktar diskussjonijiet ma partijiet differenti.

Is-Sur Morana tal-MTA tkellem ma Ranier u qed jistenna xi informazzjoni qasira bħala bullet points mingħand Ranier, sabiex iwaddab fuq il-Website tal-MTA l-Irkottafest 2010 u li din hija aċċessibli għal xi tlett miljun persuna.

5. Il-Programm tal-European Social Fund

Dalgħodu beda l-programm tal-ewwel korsijiet f’ }al Kirkop. Josef il-Project Administrator tal-ESF għamel programm ippreparat u l-għalliema li se jgħallmu jidhru ħafna mħarrġa  u huma aktar kwalifikati minn għalliema oħra li kienu tqabbdu fl-imgħoddi  mill-istess agenzija ta’ taħriġ. Tkellimt ma Josef u tlabtu biex jagħmel Quality Assurance billi jsegwi l-parteċipanti tal-korsijiet u jieħu l-feedback minn għandhom. Dan hu proġett li qed ikun iffinnanzjat mill-fondi tal-Unjoni Ewropeja u jibqa’ sejjer għal sentejn oħra. Il-kunsill lokali hu l-proġett leader u qed jikkordina dan il-programm ma ħames kunsilli lokali oħra.

6. Il-Park tal-Avjazzjoni fil-Karwija

Bħal ħasda smajna li se jsir zvillup fil-Karwija, u wara li tkixxifna, gejna mgħarrfa li l-gvern se jagħti biċċa art lil kumpanija SRT technique biex isewwi l-ajruplani. Il-karwija bit-triq li kienet tifdi minn Triq l-Industrija għal }al Safi, se tittieħed għall-iżvilupp. Hu maħsub li se jibnu taxi-way minn ġewwa l-barracks biex il-gvern joffri triq alternativa. Sadanittant it-traffiku ġa beda jgħaddi minn }al Kirkop, u t-traffiku żdied ġmielu billi hemm bħalissa wkoll ix-xogħol għaddej fuq Triq l-Industrija taż-|urrieq. Jidher li l-aktar residenti li se jintlaqtu huma dawk li jgħixu fi Triq il-Lewżiet u fin-naħa tal-kulleġġ San Benedettu. Il-kunsilliera kollha attendew għall-laqgħa ma l-persuni li għandhom x' jaqsmu ma dan il-proġett u tlabnihom ċertu affarijiet biex niżguraw li ma jkunx hemm storbju u inkonvenjenzi għal dawk li jgħixu fil-madwar, tlabnihom wkoll li jirrangaw it-triq madwar iċ-ċimiterju għaliex din hija f' sitwazzjoni mwiera', kif wkoll jirranġaw għas-spejjeż tagħhom ir-refreshing lines fit-toroq bis-sinjali kollha kif meħtieġ skond l-ogħla standards ewropew biex nevitaw xi aċċidenti tat-traffiku.

Mill-laqgħa ma ħareġ xejn li nistgħu inqisuh bħala fatwali u konkret. Irridu naraw x' tip ta' EIA se jitwettaq u x'miżuri jridu jieħdu biex inaqqsu l-inkonvenjenzi għaliex meta tal-Medavia jistartjaw xi magna tal-ajruplani, gieli idamdmu l-inħawi bl-istorbju. Ma nistgħux nibqgħu hekk, jidher li kull żvilluppatur ikejjel b' xibirtu. Aħna nemmnu u nirsistu li dan l-iżviluppatur għandu jlaqqa' l-publiku biex jispjega kif se jkun immanigjat dan il-proġett innovattiv.

7. Il-Miżuri 323 u 313 – Pjazza |ernieq, il-Katakombi u l-Imtalli

Is-Sindku qal li rigward l-applikazzjoni tal-kunsill biex ikun imsebbaħ u irranġat il-pjazza |ernieq, il-Katakombi u l-Imtalli, irċevejna korrispondenza mill-MEPA li fuq il-proġett ta' tħammil tal-iskart li intefa' fil-barriera ta' Pjazza |ernieq, irridu nagħmlu dipositu ta' €12,320 sabiex jagħmel tajjeb jekk ikun hemm xi tifrik ta' oġġetti prezjużi jew ta' valur storiku. Il-case officer tal-progett qal li hu għandu l-go ahead biex imexxi l-proġett . Meta jinħareġ il-permess tal-MEPA, dan il-proġett għad irid ikun evalwat mill-Managing Authority tal-Iskemi tal-Fondi tal-UE. Wara li jittieħed il-proċess kollu, il-kunsill ikollu jiltaqa' ma min hu involut fil-lokalitá sabiex tinstab soluzzjoni permanenti għall-użu ta' din il-pjazza, kif wkoll miegħu hemm is-siti storiċi oħra li lkoll flimkien jistgħu jintużaw biex noħorġu prodott agro-turistiku.

F'dan il-każ, is-Sindku informa lil kulħadd li d-depożitu hu mandatorju għax inkella jieqaf il-proċess tal-applikazzjoni għand il-MEPA.

l-evalwazzjoni ta' dawn il-proġetti proposti għadhom ghaddejjin u sa issa għad ma għandix xi forma ta' risposta konkreta. Minn naħa tagħna għamilna riċerka tajba, rapport komprensiv u għandu viżjoni ta' investiment fil-qalba tal-lokalitá. Is-sehem tagħna għamilnih, issa sta għal ġurija jekk tagħżlux il-proġett?

Hu ikkalkulat li dan il-proġett li jiġbor fih mhux biss it-tisbieħ ta' Pjazza |ernieq, imma wkoll il-ftuħ ta' mużew tal-katakombi u tal-Imtalli iqumu aktar minn tlett miljun ewro. Aħna noħorġu

biss persentaġġ ta’ 15%  ko-finanzjament, u jekk ma jirnexxiex dan il-proġett b’ din l-iskema, ikun impossibli li xi darba l-unika pjazza f’pajjiżna li mhix imsebbħa u asfaltata, tingħata d-dehra li jixirqilha.

8. Ir-rikostruzzjoni ta’ għaxar toroq

Is-sindku qal li bħalma kulħadd jaf, il-process fuq ir-rikostruzzjoni tat-toroq irid jara t-tmiem tiegħu sa l-aħħar ta’ din is-sena.

Hu qal “Nhar il- gimgha li għadda, kellna l-ewwel laqgħa uffiċjali mar-rappreżentanti tas-servizzi anċillari u li huma responsabli mis-servizzi fit-toroq ta’ pajjiżna. Qaluli li l-WSC ma għandhom pajpjijiet fil-preżent u qegħdin jistennew l-importazzjoni tagħhom. F’ din id-diskussjoni li kien involut il-Perit Bezzina, Pawlu Magro tal-Asfaltar, il-perit tal- WSC, Inginiera mill-Go etc ikkonkludew li x-xogħol fuq it-toroq tagħna mhux possibli li  jibda’ qabel l-aħħar ta’ Mejju. il-kuntrattur qal li kapaċi dan ix-xogħol iwassal sal-aqwa tas-sajf. Għalhekk, jidher li din is-sena se tkun l-aqwa sena ta’ ħidma għalina , se tinvolvi ħafna flus u rridu noqodu attenti għal kull ewro li nonfqu. Kollox għandna bl-eżatt imma qed jiġri li joħorġu spejjeż fuq l-infrastruttura li wieħed ma kienx konxju minn qabel. Is-sindku semma kif gara’ fil-passat f’ Kirkop 2, waqt tħammil tat-triq, jinstab it-tafal li biex tneħħieh u tagħmel pediment bil-konkos bix-xibka b’ kollox il-kunsill jidħol għal 30% spejjeż aktar għal sodda b’ saħħitha taħt it-tarmak. Għalhekk, qabel ikunu imħammla t-toroq, ma nkunux kapaċi nikwantifikaw l-ispiża sa lanqas ewro.

9. Il-kas tal- Multigas

Din il-gimgħa kellna s-seduta fil-Planning Appeals Board ġewwa l-MEPA u ma ġie konkluż xejn. Anzi s-seduta ġiet posposta għal {unju, fejn f’din is-seduta se titla’ tixhed Antonia Desira Demicoli fuq meta konna irċevejna l-applikazzjoni tal-Full Development Permit tal-Multigas. Dan hu meħtieġ għax il-prosekuzzjoni qed toġġezjona li aħna nixhdu jew li nieħdu sehem bħala third party f’ din il-kawża, u wara li l-issue fuq il-proċeduri preliminari jkunu sorvelati, allura nidħlu għall-mertu tal-każ.

Is-sindku qal li għaddew għaxar snin fuq dan il-każ, ġara’ inċident ikrah imma ma weġġa’ ħadd. Jibqa’ l-kunsill lokali konsistenti biex l-affarijiet isiru kif suppost skond l-għajta u xewqa tal-poplu.

10. Il-Proġett LitusGo

Il-proġett tal-LitusGo li hu progett li jaqa’ taħt il-programm tal-Leonardo da Vinci, kien tniedi fuq l-inizjattiva tal-Isotech Limited, li hija kumpanija privata f’ Nicosia li toffri konsulenza fuq maniġġ ambjentali li fosthom hemm iż-żona tal-kosta tal-gżejjer.

Bis-saħħa tal-ħbiberija li għandu  mad-direttur tal-kumpanija, ġie mistieden biex jagħti sehem tekniku u loġistiku f'dan il-programm. Is-Sindku kien ħadem matul dawn l-aħħar għaxar snin ma din il-kumpanija fuq il-biedja organika.

Minn dan il-programm, il-poplu Malti kien ibennefika bil-kbir għaliex anke aħna bhala kunsill konna organizzajna korsijiet fuq il-biedja organika. Fuq l-istess stil ta' tmexxija, Mario Salerno qal li kien se jmexxi proġett li jirrigwardja Integrated Coastline Zone Management. Bis-saħħa ta' dan il-proġett, is-Sindku jittama' li jinvolvi l-kunsilli lokali kollha biex dawn ikollhom għarfien biex imexxu r-risorzi naturali bħall-ilma, ħamrija, xtutna etc etc.

Is-Sindku qal li fis-snin li għaddew, hu kien involva lil xi Għaqdiet mhux governattivi, imma issa dan il-proġett jirrekjedi innizjativi tal-privat u tal-NGOs. Fejn jidħol il-privat, is-Sindku se jinvolvi persuni biex jagħtu s-sehem taghhom jekk jaċċettaw l-allowances li huma stipulati f' dan il-programm.

Ma  persuni barranin esperti identifikajt ukoll żewġ persuni li jiena għandi bzonn li jkunu kapaċi fil-qasam tal-kompjuter u qabel dawn il-persuni ninvolvihom, xtaq is-sindku jinforma lil kunsilliera jekk għandhomx xi diffikultá fuq żewġ persuni li jaħdmu fil-kunsill li jistgħu jagħmlu xogħol fuq dan il-proġett wara l-ħin tagħhom.

Is-Sindku qal li miegħu jixtieq li jkun hemm Antonia u Ranier, li jistgħu jagħtu kontribut ta' tlett siegħat fil-ġimgħa u l-vantaġġ li jkunu dawn involuti, jkun li bis-saħħa tagħhom dawn jistgħu jikkordinaw xi attivitajiet li għandhom hands on fuqhom u li jista' jibbenefika wkoll il-kunsill lokali. Dan seħħ issa billi l-uffiċju tal-kunsill ibenefika minn tlett laptops u projector.

Rose Roberts staqsiet jekk ix-xogħol li jagħmlu Antonia u Ranier jitwettaq fil-ħin tal-uffiċċju, hija toġġezjona għal dan imma jekk dawn jagħmlu u jaħdmu fuq dan il-progett wara l-ħin tal-uffiċċju , hija ma għandha xejn x' toġġezzjona, anzi qalet Rose li hija tippreferi li jkun hemm huma milli jkunu involuti persuni stranġiera.

Joe Carbone qal li minn dawn il-proġetti, dejjem hemm x' titgħallem u x'tibennefika. Hu qal li jibqa' l-fatt li l-kunsill jibennefika minn xi riżorsi u minn xi tagħlim li fl-aħħar iħalli impatt posittiv fuq ir-residenti tagħna.

Mario Salerno qal li l-ħsieb aħħari ta' dan il-progett LitusGo, hu li nkunu kapaċi noħorġu żewġ kotba tekniċi bil-Malti li jgħallmu kemm lill-għalliema, lill-istudenti, lill-kunsilliera, lill-NGOs u lill-poplu liema tagħlim hu innovativ fuq il-maniġġ ta' gżejjer żgħar bħalma hija Malta, l-Gżejjer Aegeni u ¬ipru. Is-sabiħ ikun li mhux biss il-Kunsill Lokali jibbenefika minn risorzi tanġibbli imma wkoll li jgħaddi ż-żmien, u }al Kirkop ikun imsemmi li kien fost l-ewwel lokalitajiet fl-ewropa li ħa inizjattiva biex jindirizza l-maniġġ tar-risorzi naturali fi sfond tal-bidla fil-klima.

11. Il-vandaliżmu u s-serq tas-siġar.

Is-Sindku qal li sfortunament insterqu aktar minn 60 siġra taż-żnuber u tal-anżalor minn siti differenti. Saru rapporti fl-għassa tal-pulizija. Fl-aħħar weekend, tkissret ukoll is-sign ta' l-HSBC fid-daħla tal-mina tar-raħal. Jidher li dan il-vandalizmu twettaq wara s-sagħtejn ta' filgħodu ta' bejn is-Sibt u l-}add. Dan mhux biss, imma sinjali tat-toroq u l-mirja jitkissru. Dawn il-ħsarat iqumu ħafna flus u jistgħu jintefqu fuq oġġetti oħra biex nikbru aħjar fil-lokalitá.

12. Is-sitwazzjoni finanzjarja relatata ma nfiq iffukat

Is-Sindku qal li xtaq li għal din is-seduta kien hemm il-kunsilliera kollha biex jifhmu ukoll kif in-nefqa fuq l-infrastruttura mhix se tħalli l-ebda lok jew spazju  għal xi infieq fuq xi forma ta' attivitajiet li huma wkoll importanti fl-iżvillup soċjali.

Is-Sindku semma kemm se jqumu x-xgħolijet li għandna maħsub għal din is-sena. Se jkun impossibli li nwettqu xi forma ta' attivitajiet li mhux ta' prijoritá. Dawn ix-xgħolijiet se jkunu record għal }al Kirkop. Hemm bżonn li kulħadd jifhem li rridu innaqsu l-attivitajiet li konna imdorrijien bihom fis-snin li għaddew. Mario Salerno qal li kull ewro hu meħtieġ biex jitħallas ix-xoghol li għandna quddiemna u semma l-fatt li jekk fil-passat kien hemm xi forma ta' dħul ieħor li kien irendi l-LES, allura dan irridu ninsewh għax is-sistema tal-LES se tkun riformata. Fiċ-ċirkustanzi kollha, irridu npoġġu saqajna ma' l-art, nifhmu li l-prijoritá tirbaħ fuq kull logistika oħra, u niffokaw sew fuq il-miri li rridu nlaħħqu matul dawn it-tnax il-xahar ta' ħidma qawwija li l-kunsill għandu quddiemu.

Rose Roberts qalet li hija jiddispjaċiha għal fatt li jkollna inwaqqfu l-lezzjonijiet tal-privat li konna nagħtu fis-sajf lit-tfal, imma hija tifhem ukoll bl-urġenza u bil-prijoritá li teżisti u taqbel li l-ewwel nwettqu l-proġetti ta' prijoritá, u wara li jintemmu nkunu nistgħu nerggħu nwettqu aktar fl-aspetti soċio-kulturali u edukattivi.

Joe Carbone qal li l-ispejjeż huma kbar. Ma tistax tagħmel kollox f' salt wieħed. Joe jaqbel li jkun hemm konċentrazzjoni iffokata fuq proġetti li huma tant meħtieġa li jitwettqu u li din għandha tkun il-prijoritá assoluta fuq kollox.

Is-Sindku kompla jgħid li għandna bżonn nissikkaw iċ-ċinturin fuq kull nefqa. Irridu nkunu dixxiplinati fl-użu tat-telefons, fl-ilma, fl-uzu tad-dawl u ma nagħmlux attivitajiet li jirrekjedu infieq tal-flus. Mario Salerno qal li inwettqu attivitajiet li ma jiswew l-ebda ewro lil kunsill lokali. Dan irridu nagħmluh għal ta' lanqas sentejn sħaħ. Jekk ikun hemm xi żvilluppi ġodda jew inkella jkun hemm xi forma ta' ntrojtu minn xi riżors, allura nwettqu skond ix-xiber li nkejlu.

Rose Roberts qalet li allura mhux se jkun hemm xi receptions ta' Jum Kirkop , kolloborazzjoni ma' l-għaqdiet, attivitajiet bħala aerobics u oħrajn.

Is-sindku wieġeb li mhux se jkun hemm xi forma ta' attivita li jinvolvi l-infieq tal-flus u li hi hija korretta. Mario qal li għal din is-sena, mhux se ntellgħu xejn li jobliga lil kunsill li jħallas xi forma ta' ħlas.

Rose Roberts xtaqet tqajjem punt ieħor li hu relevanti mal-attivita ta' Jum Kirkop. Hija semmet xi nies jitkellmu li hemm xi forma ta' nteress fil-kunsill, illi s-sindku kien beħsiebu jinnomina xi persuni għal ġieħ u għal mertu }al Kirkop li dawn għandhom xi parentela mal-kunsilliera. Hija stqarriet li hija totalment kontra li jkun hemm xi nomina fuq xi persuna li hi qrib tal-kunsilliera, għaliex dan joħloq konflitt ta' interess u dawn il-persuni għandhom jinħatru meta ma jkollhomx lil xi ħadd li jiġi minhom fil-kunsill lokali.

Joe Carbone afferma l-istand tiegħu li huwa jaqbel ma dak li qalet Rose. Ma jħossux komdu li jkun hemm persuni li jiġu mill-familja tiegħu u li jkunu jistgħu jaqilgħu xi paroli fuq l-għażla tagħhom. Huwa jemmen li fil-lokalitá tagħna, jista' jkun hemm xi forma ta' polemika fuq persuni nominati u fiċ-ċirkustanzi li qegħdin ngħixuhom u kif spjeġa s-sindku, li l-kunsill lokali għandu prijorita fuq l-infrastruttura u ma ninħlewx fuq attivitajiet li flok jgħaqqduna, jaqsmuna u jġibu l-firda. Il-Viċi Sindku jipproponi li għal din is-sena ma jsir l-ebda attivitá f' Jum Kirkop u niffokaw biss fuq proġetti ta' sustanza u li l-poplu tar-raħal għandu bżonn biex jgħix aħjar.

Is-sindku qal li l-ġieħ u l-mertu ta' }al Kirkop dejjem ingħattaw wara li kien hemm kunsens fost il-kunsilliera kollha. Hu irribatta li ma hemmx sens li jkun hemm firda fuq attivitá sekondarja biex imbagħad ma jkunx hemm il-kunsilliera kollha li jiġbdu ħabel wieħed. Fiċ-ċirkustanzi kollha, is-sindku qal li ma jsir xejn għal din is-sena. Xorta jħossu diżappuntat li hemm divergenza tant kbira fuq kif ikunu nominati l-persuni, u hawn joħroġ ċar li għax ikun hemm persuni li jixirqilhom xi forma ta' rikonnoximent dawn għandhom jitwarrbu għax ikollhom min jiġi minnhom fil-kunsill. Allura joħroġ ċar li jekk tkun kunsillier, tkun qed tnaqqas il-probabilta tal-familja tiegħek għal xi għotja ta' unur mill-kunsill lokali. Is-sindku qal li dan hu kapitlu magħluq u mhux se jkun hemm l-attivitá ta' Jum }al Kirkop għal din is-sena.

Kulħadd kien tal-fehma li għal din is-sena, ma jkunx hemm l-attivita ta' Jum Kirkop organizzata mill-kunsill lokali li se jinzerta' s-sibt 29 ta' Mejju, 2010.

13. L-iskart organiku tibqa' uġiegħ ta' ras

Is-sindku qal li l-problema tal-ġbir tal-iskart organiku hija komplessa. Għad mhux kulħadd jagħti sehem biex inkunu dixxiplinati fil-ġbir. Għad għandna persuni li jħawwdu l-iskart fil-boroż il-griżi minflok jitpoġġew fil-boroż is-suwed.

Minn naħa l-oħra, fejn jinħatt l-iskart, il-Wasteserv Ltd mhix tagħtina rendikont xieraq. Għad hemm xi diffikulta fejn ir-residenti jaħsbu li meta joħorġu l-iskart bulky, jistgħu joħorġu munzelli ta' terrapien, injam u ħadid. Għad għandna diffikulta kbira fil-maniġġ. Qegħdin inkejlu l-iskart li jinġabar mill-knis tat-toroq. Fil-jiem li ġejjien, suppost inqassmu l-boroż l-griżi.

Minn l-ewwel t' April, se jkunu introdotti tariffi ġodda tal-ħlasijiet fuq l-iskart organiku u hawn nistenna xi time-bomb li tfaqqa, għaliex flus għat-tipping huma limitati. Wara ħmistax-il jum f' April , nitlob lis-Segretarju biex jiġbor statistika mingħand il-kuntrattur u mingħand il-Wasteserv biex nagħmlu analizi komparattiv u nerġgħu niltaqgħu biex naraw kif se jkunu t-trends ta' din l-issue.

14. Il-ftehim ma l-Greenmt

Għalkemm il-ftehim mal-GreenMT hu għal sena waħda, xorta jibqa' l-fatt li hu mhux qed ikun on time ma ċertu schedules li aħna miftehmin miegħu. Irridu naraw kif se jagħti l-kontribut lil kuntrattur jew lil kunsill lokali fuq il-bulky. Sur Joe Attard qal li mhemmx ftehim konklużiv mal-gvern centrali fuq din tal-bulky, imma l-kunsill għandu ftehim li hu ibażat parzjalment fuq is-sussidju li kellu jagħti l-gvern.

Issa minn dak li qalulna tal-Wasteserv, fejn se jibdew jieħdu biss l-iskart organiku jekk il-kunsill jħallas €20 kull tunnellata. Bħalma kien stqarr is-sindku fil-konferenza tas-sindki li kien hemm żball minn naħa tal-gvern li għamel kalkoli ħżiena fuq il-ġbir ta' l-iskart organiku. Min kien responsabli li jagħmel riċerka fuq il-ġbir tal-iskart organika, kien rabat lil gvern li kull persuna tiġġenerra 800 gramma kuljum meta fil-veritá l-persuna tiġġennerra d-dopju. Fuq hawn, mhux se jkun qatt possibli li kunsill zgħir bħal ta' }al Kirkop li jagħmel tajjeb għat – tipping fee meta l-istess kunsill għandu ħafna anqas – eżatt €9000. Jekk il-kunsill iħallas €9000 biex jagħmel tajjeb għad-differenza tat-tipping, l-istess kunsill jikkrolla fil-finanzi. Hu meħtieġ li l-gvern jieħu l-parir li għamel il-kunsill biex verament issir ġustizja mal-konsum tar-residenti.

15. Il-bini ta' grawnd sintetiku fil-barracks tas-suldati

Is-sindku qal li kien hemm ħafna residenti li marru jilmentaw miegħu fuq il-bini ta' grawnd sintetiku fil-barracks tas-suldati. Hu semma li hemm persuni li jiffaxxaw rashom qabel ma jaqsmuha. Mario Salerno iddejjaq jispjega li aħjar ikun hemm proġett sportiv li jgawdu n-nies tar-raħal, milli jkun hemm xi tip ta' żvilupp li jġib aktar klandestini. Is-sindku qal li hu importanti li jirnexxa l-proġett sportiv għaliex dan jista' jagħti kontribut ieħor lejn turiżmu sportiv. Dan hu ħolqa oħra minn katina ta' proġetti li jsawwru din il-lokalitá. Bħala kunsill irridu naraw kif se jkun milqugħ l-ilma tax-xita li s' issa kien jitwaddab fil-grawnd. Issa hemm storja oħra, u rridu naraw kif jista' jkun devjat l-ilma tax-xita. Għal din id-devjazzjoni ma għandix fondi maħsuba, imma rridu nitkellmu mal-WSC. Għalhekk hu importanti li tinkiteb ittra lil Perit Carmelo Borg ???? , l-istess Direttur {enerali li gie jara' l-water storming fi Triq Danny Cremona u li miegħu tkellimna biex nilqgħu għall-ilmiet tax-xita li jegħreq il-junction Triq Danny Cremona ma Triq Valletta.

**5. Affarijiet oħra**
5.1. Ma kienx hemm affarijiet oħra.

**6. Konklużjoni**
6.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm.

**Mario Salerno**
**Sindku**

**Ranier Busuttil**
**Segretarju Eżekuttiv**